**DEĊIŻJONI LI LMENT M'GĦANDUX JIĠI INVESTIGAT**

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 219 |
| **Allegazzjoni:** | Interventi abbużivi fit-tmexxija ta' kumpanija tal-gvern |
| **Ilmentatur:** | Il-Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 25 ta' Novembru 2025 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 17 ta' Marzu 2026 |

**L-Ilment**

1. Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Professur Arnold Cassola, chairperson tal-partit Momentum (l-Ilmentatur), bagħat email lil dan l-Uffiċċju fejn qal "*In vista tal-akkużi serji tal-ex MEP Marlene Mizzi fil-konfront tal-Ministru Roderick Galdes u l-aġir tiegħu mal-Malita, qiegħed nitolbok tiftaħ investigazzjoni fil-konfront tal-Ministru Galdes*." Dak iż-żmien l-Onor. Roderick Galdes kien Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

2. Fl-email tiegħu, l-Ilmentatur inkluda ħoloq elettroniċi għal diversi rapporti mill-midja dwar akkużi li saru mis-Sinjura Marlene Mizzi kontra l-Ministru Galdes b'rabta ma' Malita Investments plc. Din hija kumpanija tal-gvern li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

3. L-ilment huwa anness ma' din id-deċiżjoni bħala d-**Dokument A**.

4. Fit-30 ta' Novembru 2025, l-Ilmentatur reġa' kiteb biex jirreferi għall-attenzjoni ta' dan l-Uffiċċju allegazzjonijiet ġodda dwar il-Ministru Galdes li jikkonċernaw ix-xiri ta' appartament u garaxx f'Għawdex. Jidher li dan il-messaġġ kien maħsub mill-Ilmentatur bħala żieda mal-messaġġ tiegħu ta' qabel, iżda qed jiġi trattat separatament minn dan l-Uffiċċju. Għalhekk id-deċiżjoni preżenti tikkonċerna biss il-messaġġ tal-Ilmentatur tal-25 ta' Novembru 2025.

## Il-Kuntest

5. F'Novembru 2025 il-gazzetta elettronika *The Shift* irrapportat li Malita Investments plc kienet qegħda tiffaċċja diffikultajiet finanzjarji.[1]

6. Fil-25 ta' Novembru 2025 is-Sinjura Marlene Mizzi, li kienet iċ-chairperson ta' Malita Investments plc minn Lulju 2022 sa Mejju 2024, ħarġet stqarrija fuq is-sit soċjali Facebook.[2] F'din l-istqarrija qalet li l-kumpanija kienet finanzjarjament b'saħħitha meta kienet chairperson hi. Qalet ukoll li dak iż-żmien kellha laqgħa mal-Ministru Galdes fejn oġġezzjonat miegħu talli, skont hi, kien qed jindaħal fit-tmexxija tal-kumpanija u jindiehes ma' kuntratturi mqabbda minnha. Is-Sa Mizzi qalet li tneħħiet mill-kariga ta' chairperson ftit ġimgħat wara din il-laqgħa.

7. L-Onor. Galdes irriżenja mill-kariga ministerjali tiegħu fl-24 ta' Jannar 2026, izda għadu deputat parlamentari.

## Konsiderazzjonijiet

8. L-artikolu 14(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) jgħid hekk:

> *Ma għandhiex tittieħed konjizzjoni ta' lment taħt dan l-Att kemm-il darba dak l-ilment ma jsirx sa mhux aktar tard minn tletin jum tax-xogħol minn dakinhar li fih min jagħmel l-ilment kien jaf bil-fatt li ta lok għall-ilment jew minn sena minn meta jkun seħħ il-fatt li jkun ta lok għall-ilment, skont liema data tiġi l-ewwel.*

9. Din id-dispożizzjoni timponi żewġ termini ta' preskrizzjoni: wieħed ta' tletin jum tax-xogħol (madwar sitt ġimgħat) minn meta l-ilmentatur **isir jaf** bil-fatti li jrid jilmenta dwarhom; u ieħor ta' sena minn meta **jseħħu** dawk il-fatti. Is-sottoskritt ma jistax jikkunsidra lment jekk isir wara li jinqabeż kwalunkwe wieħed minn dawn it-termini.

10. Dan il-każ jittratta dwar fatti li allegatament seħħew meta s-Sa Mizzi kienet għadha chairperson ta' Malita Investments, jiġifieri f'Mejju 2024 jew

[1] Ara https://theshiftnews.com/2025/11/06/luqa-social-housing-project-halted-as-malita-runs-out-of-cash/ u https://theshiftnews.com/2025/11/24/major-government-contractor-condemns-malita-investments-deceit-on-social-housing-debacle/.

[2] Ara https://www.facebook.com/mizzimarlene/posts/1395400728621057.

qabel. L-ilment sar sena u nofs aktar tard. L-Ilmentatur m'għandu ebda tort dwar dan, għaliex l-allegati fatti ħarġu fil-pubbliku biss dakinhar li ssottometta l-ilment. Madankollu, it-terminu ta' sena fl-artikolu 14(2) tal-Att japplika anki jekk il-fatti relevanti jibqgħu misturin.

11. Is-sottoskritt diġà aktar minn darba esprima l-preokkupazzjoni tiegħu dwar it-termini qosra ta' preskrizzjoni imposti mill-Att. Diffiċli wieħed jifhem għaliex ġew imposti dawn it-termini fuq ksur ta' etika meta l-preskrizzjoni tneħħiet għal kollox minn fuq reati ta' korruzzjoni politika li, bħala reati kriminali li jistgħu jwasslu għal sentenza ta' ħabs, huma ferm aktar gravi. Is-sottoskritt jerġa' josserva li fl-2023, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (l-OECD) irrakkomandat li t-termini ta' preskrizzjoni fl-Att għandhom jiġu estiżi.[3]

12. Is-sottoskritt jerġa' josserva wkoll li meta l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika tressaq fil-Parlament bħala abbozz fl-2014, kien jaħseb għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn minn meta l-ilmentatur isir jaf bil-fatti li jrid jilmenta dwarhom. Ma kienx hemm limitu marbut ma' meta attwalment iseħħu l-fatti, basta jseħħu meta l-Att ikun sar effettiv.[4] Dan kien terminu ta' preskrizzjoni ħafna aktar raġonevoli minn dawk li hemm fl-Att illum.

13. L-abbozz ġie diskuss minn kumitat parlamentari fi Frar 2017, u kien f'dan l-istadju li ġew introdotti t-termini ta' preskrizzjoni tal-lum. Dan sar bi qbil unanimu bejn il-membri tal-kumitat.[5]

## Konklużjoni

14. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt iddeċieda ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li l-ilment ma jistax jiġi investigat.

---

[3] Ara l-paġni 55 u 56 tar-rapport *Public Integrity in Malta: Improving the Integrity and Transparency Framework for Elected and Appointed Officials*, maħruġ f'Ottubru 2023 u aċċessibbli minn https://www.oecd.org/en/publications/public-integrity-in-malta_0ecc469e-en.html.

[4] Ara l-klawżola 14 tal-abbozz numru 63 tat-tnax-il leġiżlatura, aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/media/37244/bill-63-standards-in-public-life-bill.pdf.

[5] Ara l-paġna 11 tat-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-kumitat, aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/en/12th-leg/consideration-of-bills-committee/kun-132-13022017-0630-pm/.

15. Kif diġà ntqal, din id-deċiżjoni tikkonċerna biss il-messaġġ tal-Ilmentatur datat 25 ta' Novembru 2025 li huwa riprodott bħala d-Dokument A.

16. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Ilmentatur għall-finijiet tal-artikolu 17(3) tal-Att, kif ukoll lill-Onor. Roderick Galdes bħala l-persuna li dwarha sar l-ilment.

17. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni li mhux se ssir investigazzjoni, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat minn dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT A

*Email mibgħuta mill-Prof. Arnold Cassola fit-25 ta' Novembru 2025*

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

In vista tal-akkuzi serji tal-ex MEP Marlene Mizzi fil-konfront tal-Ministru Roderick Galdes u l-agir tiegħu mal-Malita, qiegħed nitolbok tiftaħ investigazzjoni fil-konfront tal-Ministru Galdes.

https://timesofmalta.com/article/roderick-galdes-meddling-malita-contractors-marlene-mizzi-chair.1120142

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/138376/marlene_mizzi_says_her_2024_removal_from_malita_chairmanship_followed_clash_with_minister

https://www.independent.com.mt/articles/2025-11-25/local-news/Marlene-Mizzi-says-Malita-removal-followed-her-objections-to-minister-s-interference-6736285072

https://theshiftnews.com/2025/11/25/former-malita-chair-blasts-minister-over-political-interference/

Tislijiet,

Arnold Cassola
Momentum